**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 475/18 CZ**

**Resource Support and Services Ltd. (C-32346)**

**vs.**

**Lawrence Attard Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-2 t'Ottubru 2018 li permezz taghha premettiet:

Is-socjeta mittenti qed titlob li dan it-Tribunal joghgbu jordna lill-intimat ihallasha s-somma ta' tlett'elef, hames mija u tlieta u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,573.51) rapprezentanti allowance doppju illi huwa rcieva minghand l-istess socjeta mittenti b'mod zbaljat meta dan ma kienx dovut ghall-perjodu bejn Jannar u Lulju 2016.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 78/2018 tas-16 ta' Jannar, 2018 u b'imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat ingunt in subbizzjoni.

Illi l-konvenut permezz ta' risposta prezentata fis-26 t'Ottubru 2018 eccepixxa:

Illi t-talba kif vistata hija nfondata fil-faatt u fid-dritt. Illi l-intimat wiegeb lill istess socjeta attrici permezz ta' ittra bonarja datat 2 ta' Novembru, 2017, kif segwita b'ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar, 2018 fejn l-fatti huma elenkati u b'hekk kellha ssir 'set-off' cioe' tpacija mal-ammont dovut lill intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Illi l-konvenut prevalixxa ruhu mir-risposta minnu mressqa sabiex iressaq ukoll kontro-talba li biha premetta:

Fil-perjodu li l-intimat kien Head of Revnue Section fil-Qrati tal-Gustizzja kien ilu dovut l-ammont mitlub stante skala fic-civil li taghha l-intimat kien jahdem ghadu qatt ma thallas[sic].

Illi permezz ta' risposta ghall-kontro-talba mressqa fit-13 ta' Novembru 2018, is-socjeta' attrici rikonvenzjonata eccepiet:

Illi l-kontro-taLba ta' Attard Bezzina ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontriEh u dan stante li:

1. Preliminarjament it-talba tieghu hija preskritta.
2. Illi l-ebda ammont ma hu dovut stante li Attard Bezzina thallas a saldu l-ammont dovut.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' Rennie Grech, il-konvenut, Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, Joe Grillo, u Raymond Scicluna.

Sema' t-trattazzjoni.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi fl-2003 il-konvenut li sa dakinhar kien jahdem it-Tarzna, gie trasferit ghal-mas-socjeta' IPSL, li llum saret is-socjeta' attrici u beda jaghmel xoghlijiet varji li gew assenjati lilu ma' entitajiet u ministeri tal-gvern.

Illi fil-perjodu in kwestjoni, u cioe' bejn l-2014 u l-2016, kien jahdem fir-Revenue Section tal-Qorti.

Illi s-socjeta' attrici tallega illi fil-bidu tal-2016 il-konvenut thallas allowance izjed milli kien haqqu jithallas, u dan peress illi l-Qorti kien ghaddielha l-allowances ta' sena shiha biex jithallsu lill-konvenut, u s-socjeta' attrici min-naha taghha ghaddiethom lill-istess konvenut, li izda kien haqqu jithallas pro rata, ghaliex kien ha jirtira f'Lulju ta' dik l-istess sena. Dawn l-allowances kienu hekk qed jithallsu ghaliex kien hemm arrangament bejn is-socjeta' attrici u l-Qorti, fis-sens li peress li l-konvenut kellu paga bazika mas-socjeta' attrici li ghaliha l-hlas kien ferm inqas mill-kariga li kien attwalment jokkupa l-Qorti, id-differenza kienet qed tithallas permezz tal-imsemmija allowances.

Illi l-konvenut meta mistoqsi direttament in kontro-ezami dwar dawn l-allowances, u jekk jikkonfermax li thallas izjed qal 'hekk off hand ma nafx. Wara erba snin tippretendix li niftakar id-dettalji'. Fuq dan il-punt il-konvenut mhuwiex kredibbli. Il-konvenut ftakar dettalji li jirrisalu ghal snin ferm qabel u gab rendikonti tad-dhul tas-snin ta' qabel, izda ghal din il-mistoqsija ghazel li jwiegeb b'dan il-mod. Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra irnexxielha tipprova illi fil-fatt dawn l-allowances thallsu, u thallsu zejda kif qed tindika hi. Jekk wiehed jara l-FS3 a fol. 26, li turi dak attwalment imhallas, u FS3 ohra li hija a fol. 35 li tindika dak li kellu effettivamne jithallas, tirrizulta differenza ta' tlett'elef disa' mija u sitt Euro (€3,906), li addirittura hija izjed minn dak li fil-fatt qed titlob is-socjeta' attrici. It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghal Dok. RG1 a fol. 25 tal-process minn fejn jirrizulta illi l-hlasijiet zejda lill-attur saru verament. Ghandu jinghad anzi illi anke mill-istess risposta li l-konvenut iressaq ghall-kawza, jammetti indirettament illi dawn il-hlasijiet huma dovuti, ghaliex jghid illi skond hu kellha ssir tpacija bejn dak dovut minnu u dak dovut lilu.

Illi l-konvenut jipprova jinkludi fil-kwistjoni xi hlasijiet ohra li jallega li huma dovuti lilu minn zminijiet ohra meta kien jahdem ma' entitajiet ohra bhal Fondazzjoni Sir Temi Zammit. It-Tribunal jirrizultalu pero' li dawn iz-zminijiet mhumiex rilevanti ghall-kwistjoni quddiemu, u l-konvenut m'ghamel l-ebda kontro-talba dwarhom, ghaliex il-kontro-talba li ghamel, u li ser titqies iktar 'l isfel, tirreferi wkoll limitatament ghall-perjodu li fih kien jahdem il-Qorti.

Illi ghalhekk lit-Tribunal jirrizultalu illi s-somma li qed tirreklama s-socjeta' attrici fil-fatt hija dovuta.

**<u>Il-kontro-talba</u>**

Il-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob tlett'elef seba' mija u disgha u erbghin Euro ghal ammonti li kellu jithallas waqt li kien jahdem il-Qorti.

L-ewwel eccezzjoni mressqa mis-socjeta' attrici rikonvenzjonanti hija dik tal-preskrizzjoni. Ma giex indikat l-artikolu li a bazi tieghu l-istess socjeta' qed teccepixxi l-preskrizzjoni, u ghalhekk it-Tribunal mhux ha jqis din l-eccezzjoni, ghaliex it-Tribunal ma jistax jindaga huwa nnifsu dwar l-artikolu ta' preskrizzjoni li japplika ghall-kaz, u dan skond l-insenjament tal-qrati nostrani f'diversi sentenzi. Insibu fost ohrajn is-sentenza *Joseph Gauci vs. Saviour Farrugia*[1], li fiha ntqal:

> Riferibilment ghall-gravam imqanqal fir-rikors ta' l-appell mill-konvenut, jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d' ufficio* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas

[1] Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Philip Sciberras – 22 ta' Gunju 2005

jista' l-gudikant jassumi *d' ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;

Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f' materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" – **Kollez. Vol. XXXIII P I p 481**;

Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f' ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;

Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud;

Illi stabbilit dan, it-Tribunal sejjer jghaddi ghall-mertu propju tal-kontro-talba.

Il-konvenut rikonvenzjonant jallega illi anke minn dak li xehed Raymond Scicluna, ex Direttur il-Qorti, il-paga bazika li kienet qed titqies u li kienet qed tithallas lill-konvenut kienet ferm inqas minn dik li suppost kellu jithallas. Scicluna esebixxa tabella tal-iskali ta' hlas tal-gvern. Gie stabbilit illi l-konvenut mas-socjeta' attrici kien fi Skala 10 Grad 4, u dan wara li fl-2014 l-iskali tal-gvern gew japplikaw ukoll ghas-socjeta' attrici, li qabel ma kinitx timxi bl-iskali. Jekk wiehed jara d-differenza fil-paga bazika imhallsa lill-konvenut rikonvenzjonat u l-paga bazika effettivament dovuta skond it-tabella, jirrizulta illi l-konvenut kien verament qed jithallas inqas. Il-konvenut jallega wkoll illi ma kienx qed jithallas *qualification allowance* matul il-perjodu in kwestjoni, u fil-fatt lit-Tribunal dan irrizultalu wkoll. Irrizulta anzi illi dak

dovut lill-konvenut jizboq dak mitlub minnu fit-talba tieghu, izda t-Tribunal ha jirrestringi s-sorte ghal dak mitlub, u jirrizultalu illi l-konventu tabilhaqq ghandu jithallas is-somma minnu reklamata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi kwantu ghat-talba promotrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef, hames mija u tlieta u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,573.51), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv; kwantu ghall-kontro-talba, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata u jilqa' t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, u jordna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' tlett'elef seba' mija u disgha u erbghin Euro (€3,749), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tat-talba promotrici ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur